MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2022

Appell Inferjuri Numru 5/2022 LM

**Richard McBryde (K.I. nru. 815549(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' April, 2022, numru 114/22 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċida li jilqa' *in parte* l-appell tar-rikorrent **Richard McBryde**

**(K.I. nru. 815549(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] billi d-deċiżjoni tal-appellant kellha tibqa' fis-seħħ fir-rigward ta' Carmen McBryde iżda mhux fil-konfront tal-appellat.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-30 ta' Diċembru, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant'] li l-appellat ma kienx għadu jissodisfa l-kriterji neċessarji sabiex ikun jista' jibqa' jingħata l-benefiċċju tal-Għajnuna Medika (SKA) li huwa kien qed jirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u dan għaliex ir-riżorsi kapitali tiegħu kienu jeċċedu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi skont it-Tieni Skeda tal-Kap. 318.

## Mertu

3. L-appellat appella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru permezz tal-ittra tiegħu tas-7 ta' Jannar, 2021 fejn ikkontesta id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, filwaqt li spjega ċ-ċirkostanzi tiegħu.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fl-1 ta' Diċembru, 2021 fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, filwaqt li rrileva li l-appell tal-appellat ma kien qed iqajjem l-ebda punt ta' liġi jew ta' prinċipju ta' importanza, u għaldaqstant kellu jiġi miċħud.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru waslet għad-deċiżjoni appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ra d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali;*

*Ra l-appell u d-dokumenti eżebiti;*

*Illi l-kwistjoni odjerna tittratta għajnuna medika li kienu jgawdu minnha l-konjuġi McBryde;*

*Illi dan peress li mart l-appellant wirtet sehem mingħand id-defunta ommha ta' €32,158.20 u li allura tali somma taqbeż l-iskala imposta mil-liġi biex tkun intitolat għal din l-għajnuna;*

*Illi mix-xhieda prodotti l-partijiet qed jaqblu dwar il-fatti kif esposti f'dan il-każ;*

*Illi li huwa preokkupanti f'dan il-każ huwa (i) il-fatt li d-dħul ta' mart l-appellant huma assi parafernali tagħha biss u (ii) mart l-appellant ma hix interessata li tirċievi l-għajnuna għall-mard iżda l-appellant biss li qed jinsistu fuq dan il-ħlas;*

*Illi mill-provi miġbura ma nġabet ebda prova li l-appellant qed jibbenefika mill-assi parafernali li wirtet martu. Anzi filfatt irriżulta bil-maqlub u ċioe' li mill-istatement bankarji esebiti l-flus li wirtet mart l-appellant ġew depositati ma' flus oħra f'kont bankarju tagħha.*

*Illi rinfaċċat b'din is-sitwazzjoni u fin-nuqqas ta' prova li tindika mod ieħor, l-Arbitru ma jistax jassumi li l-appellant qed jibbenefika minn assi parafernali ta' martu. Tenut kont illi ma nġabet ebda prova f'dan ir-rigward."*

**L-Appell**

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-1 ta' Ġunju, 2022 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Arbitru fit-22 ta' April, 2022, billi filwaqt li tikkonferma fejn l-Arbitru ddeċieda li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tibqa'*

> *fis-seħħ f'dak li jirrigwada lil Carmen Mc Bryde (fn. 65 Fid-decide tas-sentenza appellata indikata bħala 'Carmen McBryde'), tħassar u tirrevoka fejn laqgħa l-appell in parti u iddeċieda li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali għandha tiġi revokata fil-każ ta' Richard Mc Bryde (fn. 7 fid-decide tas-sentenza appellata indikat bħala 'Richard McBryde'), u konsegwentament tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tat-30 ta' Diċembru 2020 fl-intier tagħha"*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru naqas li japplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. L-appellat wieġeb fil-15 ta' Ġunju, 2022 fejn issottometta qabel xejn li l-appell interpost huwa wieħed tardiv u għalhekk null. Fil-mertu, issottometta li d-deċiżjoni appellata hija *"...ekwa, legalment korretta, ġusta u ben motivata u għaldaqstant timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti... għar-raġunijiet illi sejrin jiġu esposti f'din ir-risposta"*.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra l-kwistjoni tal-allegata tardività tal-appell odjern. Tirrileva li skont l-informazzjoni a *fol.* 22 dwar il-movimenti tal-envelopp relattiv reġistrat taħt it-*Tracking Number RR433550620MT,* u li kopja tiegħu tinsab a *fol.* 24, id-deċiżjoni appellata waslet għand id-Direttur Ġenerali appellant fil-5 ta' Mejju, 2022. Għaldaqstant ma tista' tqum l-ebda kwistjoni ta' tardività tal-appell odjern għaliex it-terminu għall-preżentata ta' appell minn dik id-deċiżjoni għalaq fl-4 ta' Ġunju, 2022, filwaqt li d-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta l-appell tiegħu fl-1 ta' Ġunju, 2022.

9. Għalhekk il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant, flimkien mat-tweġiba tal-appellat, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

10. Id-Direttur Ġenerali appellant qed jikkontendi li l-Arbitru naqas li japplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 318. Jispjega li d-disposizzjonijiet applikabbli fir-rigward tal-Għajnuna Medika (SKA) jinstabu fl-artikolu 20 ta' dik il-liġi, u jirrikjedu li persuna tista' tkun eliġibbli għal dan il-benefiċċju jekk tissodisfa r-rekwiżiti mfissra fl-istess artikolu, fosthom dawk delineati fil-para. (ċ) tas-subinċiż (1), li jipprovdi li *'il-mezzi kollha fil-ġimgħa tal-membri tal-familja tagħha kollha kalkulat skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att ma jkunx iżjed mir-rata tal-iskala għal dik il-familja kif stabbilit bis-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att."* Minn hemm jgħaddi sabiex jiċċita dak li jipprovdi l-paragrafu 1 taħt l-imsemmija Taqsima II tat-Tieni Skeda. Isostni li fid-dawl ta' dawn id-disposizzjonijiet, huwa ċar li meta jittieħed in konsiderazzjoni d-dħul ta' martu mill-wirt ta' ommha, l-appellat bħala kap ta' familja ma kienx eliġibbli li jirċievi l-Għajnuna tal-Mard skont l-artikolu 20 tal-Kap. 318 flimkien ma' martu. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li huwa mhux qed jikkontesta li mart l-appellat kienet wirtet is-somma ta' €32,158.20 mill-eredità ta' ommha, u hawn huwa jagħmel riferiment għal dak li qal l-Arbitru fir-rigward, u anki għax-xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' April, 2022, u għax-xhieda tal-appellat stess. Jispjega kif mill-i*Statement of Account* ippreżentat quddiem l-Arbitru, kien jidher li fit-23 ta' Novembru, 2020 ġie depożitat l-ammont ta' €32,156.10 fil-kont intestat f'isem il-mara tal-appellat. Imbagħad mid-dettalji f'dokument ieħor tal-kontijiet bankarji tal-appellat u ta' martu, kien jirriżulta li fl-1 ta' Diċembru, 2020, din tal-

aħħar kellha f'isimha €53,557.10 u l-appellat kellu f'ismu €882.70, jiġifieri flimkien kellhom €54,439.80 depożitati mal-banek. B'hekk id-deċiżjoni tiegħu kienet korretta, għaliex id-depożiti tal-konjuġi flimkien kienu jeċċedu €23,300. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li kemm l-appellat, imma anki l-Arbitru, ma qalux kif it-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 ma kellhiex tapplika fil-konfront tal-imsemmi appellat. L-appellant jgħid li hija rrilevanti l-konsiderazzjoni tal-Arbitru li d-dħul ta' mart l-appellat jikkostitwixxi assi parafernali, u li ma tressqet l-ebda prova li l-appellat kien qed jibbenefika minnhom. Id-Direttur Ġenerali appellant isostni li bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 318, l-Arbitru kellu jasal għall-konklużjoni li l-appellat ma kienx intitolat għall-benefiċċju tal-Għajnuna tal-Mard, u kien tenut jikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant kollha kemm hi. Filwaqt li jagħmel riferiment għall-massima legali *lex specialis derogat legi generali,* jagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha deċiża fis-6 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **Premier Leasing and Investments Company Limited *vs.* L-Avukat Ġenerali et**. Jikkontendi li fil-każ odjern madankollu ma jeżisti l-ebda konflitt bejn il-liġi ġenerali u dik speċjali, u jiċċita d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 1334(3) tal-Kap. 16 in sostenn tal-argument tiegħu, kif ukoll dak li qalet din il-Qorti fid-diversi sentenzi ċitati minnu. Jgħid li għal dawn ir-raġunijiet, l-Arbitru naqas milli japplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 20, u dawk tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, imma naqas ukoll li japplika l-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja skont kif huwa mitlub minnu mis-subartikolu 108(9) tal-istess liġi. Huwa hawnhekk jiċċita estensivament mis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, deċiża fil-21 ta' Ġunju, 2006 fl-ismijiet

**Servolo Farrugia *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** fir-rikors tal-appell numru 1/2006.

11. L-appellat jilqa' billi jissottometti li huwa prinċipju sew stabbilit fil-liġijiet tagħna, li meta wieħed jitkellem fuq assi ta' persuna miżżewwġa, jista' jsir riferiment għall-assi li jagħmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, jew dawk li ma jagħmlux parti minnha għal diversi raġunijiet, inkluż dawk li jkunu ġew akkwistati qabel iż-żwieġ jew ġew riċevuti minn eredità. Huwa hawn jagħmel riferiment għall-i*Statement of Account* li ssemma mid-Direttur Ġenerali appellant fir-rikors tal-appell tiegħu. Jikkontendi li kif sewwa qal l-Arbitru, sabiex wieħed jasal għas-somma li tagħmel parti mill-komunjoni tal-assi, iridu jitnaqqsu l-fondi ta' martu Carmen McBryde, li kif qal sewwa l-Arbitru, huma assi parafernali li jappartjenu biss lilha. B'hekk l-ammont riżultanti huwa inqas minn dak indikat fis-subinċiż 1(a)(ii) tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318. L-appellat jissottometti li l-każ odjern huwa wieħed ġenwin għaliex hawnhekk il-kwistjoni ma tittrattax xi supplimentari jew benefiċċji għan-nuqqas ta' xogħol jew għal xi skopijiet ulterjuri, iżda tirrigwarda benefiċċji għall-mard li għandhom ikunu ntitolati għalihom partikolarment l-iktar nies vulnerabbli fis-soċjetà, jiġifieri persuna anzjana li fl-aħħar mill-aħħar hija persuna li s-soltu l-aktar ikollha bżonn dan il-benefiċċju.

12. Il-Qorti tgħid li d-Direttur Ġenerali appellant għandu raġun. L-Arbitru kien skorrett meta kkunsidra li għall-fini tal-intitolament tal-benefiċċju soċjali in kwistjoni, id-dħul ta' mart l-appellat Carmen McBryde mill-eredità ta' ommha bħala formanti parti mill-assi parafernali tagħha, ma kellux jittieħed in konsiderazzjoni għaliex ma kien hemm l-ebda prova li l-appellat kien qed

jibbenefika mill-imsemmija assi parafernali. Il-liġi ma tpoġġi l-ebda kundizzjoni bħal din meta permezz tal-artikolu 20 tal-Kap. 318 u tal-para. 1(a) tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-istess liġi tipprovdi għal mod kif għandhom jiġu kkalkolati l-mezzi tal-applikant. Id-disposizzjonijiet relattivi jagħmluha ċara li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni id-depożiti bankarji tal-membri kollha tal-familja, u jekk dawn flimkien jaqbżu l-limitu ta' €23,300 fil-każ ta' kap tal-familja u l-konjuġi, il-persuna li tkun qed titlob għall-Għajnuna għal Mard titqies li mhijiex intitolata għal dak il-benefiċċju. Fil-każ odjern mhuwiex kontestat li dan il-limitu nqabeż meta mart l-appellat irċeviet u ddepożitat fil-kont bankarju ntestat f'isimha, sehemha mill-eredità tad-defunta ommha.

13. Għalhekk il-Qorti ssib l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikat u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, u tirriforma d-deċiżjoni appellata billi tikkonfermaha fejn l-Arbitru ddeċieda li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant għandha tibqa' fis-seħħ f'dak li jirrigwarda lil Carmen McBryde, iżda tħassarha u tirrevokaha fejn laqa' l-appell *in parte* u ddeċieda li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant għandha tiġi revokata fir-rigward tal-appellat Richard McBryde, u dan filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**